# IR-RAMADAN

## Żmien is-Sawm Tal-Misilmin

Ir-Ramadan, jiġifieri x-xahar li għandhom isumuh il-Misilmin ta' kull sena, huwa waħda mill-kolonni li fuqhom wieqfa r-Reliġjon Misilma. Is-sawm tagħhom hu ħarsien minn kull ikel u xorb; mit-tipjip, u minn-nisa, minn kif jibda jisbaħ sa kemm tgħib ix-xemx, kull jum, għal xahar sħiħ qamri, jiġifieri minn meta jġedded il-qamar, sa kemm jintilef. Dan is-sawm isir bi nhar biss, għax bil-lejl jistgħu jieklu u jixorbu u jpejjpu kemm iridu. Ir-Ramadan huwa biċċa sħiħa mill-ħajja tal-Misilmin, u jkun mistenni b'xewqa u ħeġġa kbira, u bi tħejjija devota. Fil-knejjes jew Moskijiet tagħhom, ix-Xjuħ, u l-Imwedden m i n n fuq il-mejdan, jagħmlu propaganda kbira biex in-nies jitħejjew għal dan ix-xahar, l-aktar xahar imqaddes fost ix-xhur tas-sena kollha, li jiswa biex jiġġedded, fil-ġisem u fir-ruħ, il-poplu kollu.

Ir-Ramadan huwa d-disa' xahar tas-sena xemxija, u jiġi wara x-xahar imsemmi Xagħban. L-isem tiegħu jfisser "Il-Maħruq", għax għall-ewwel kien jaħbat fiż-żmien l-aktar sħun tas-sena, u kien immexxi mill-Kalendarju xemxi-qamri, tal-Għarab, ta' qabel Muħammed. Imbagħad kien imdaħħal fil-Qoran (Sura IX, versi 36-37) il-Kalendarju qamri biss, bir-Ramadan imqabbeż skond il-qamar, u għal żmien ta' 33 sena qamrija.

Il-qamar ġdid, li minnu jibda s-sawm tar-Ramadan, għandu jidher b i l - għajnejn weħedhom (mingħajr t r o m b a ) , u mxandar mill-Mufti l-Kbir ta' kull pajjiż. Għal hekk, meta l-qamar jintilef, fl-aħħar ta' Xagħban, in-nies kollha, fil-għaxija, joħorġu jħarsu lejn ix-xefaq, wara nżul ix-xemx, u malli jilmħu l-qamar ġdid fis-sema, jagħtu l-aħbar tajba lill-Mufti, li jamar li jsir is-sawm fil-pajjiż kollu. Jekk ħtija tas-sħab il-qamar ġdid ma jidherx, il-bidu tas-sawm ikun wara l-aħħar jum ta' Xagħban.

In-nuqqas ta' ftehim bejn il-pajjiżi Għarab, u l-jebusija ta' rashom, għax kull pajjiż iridha tgħaddi tiegħu, kiser dan il-qbil ta' bejniethom. Għal hekk f'xi pajjiżi, minn ħafna snin 'il hawn, il-bidu ta' Ramadan, ikun dejjem fid-29 ta' Xagħban, u f'oħrajn, fit-tmiem ta' dan ix-xahar.

Fil-bliet il-kbar ma' nżul ix-xemx ifaqqa l-kanun biex iħabbar it-tmiem tas-sawm ta' dik inhar. Fir-rħula ż-żgħar, il-Ħatîb, minn fuq il-mejdan, ikanta l-istedina għat-talb ta' fil-għaxija, waqt li t-tfal jinġemgħu fil-ġrun jew misraħ tar-raħal, u jgħajjtu kemm għandhom saħħa. Malli l-Ħatîb jgħarraf lin-nies li jistgħu jieklu, it-tfal jitilqu jiġru u jaqbżu lejn id-dar, biex jieklu l-ikla tajba li tkun sajjret ommhom, għal missierhom u għalihom.

Kif jgħidu l-Misilmin, f'dan ix-xahar ta' Ramadan ġraw l-akbar ġrajja tad-Din tagħhom, bħal ma huma: in-niżla mis-sema tal-kitba tal-Qoran; ir-rebħa tal-Mekka; il-qlib għad-Din Mislem tal-Għabbasin; il-ġlieda fil-Palestina tal-Għarab u l-Lhud; u ġrajjiet oħra. Ma'tul dan ix-xahar kollu tingħata ħemma kbira lit-talb u lill-egħmil tal-ħniena, l-aktar il-għajnuna tal-foqra u l-mitluqin. L-injuranti jkunu mgħallma t-tagħ-

lim tal-Qoran; il-għorba jkunu mil-qugħa bil-ħniena u l-qima; u jieqaf is-safar u kull biegħ u xiri. Il-knejjes jew Moskijiet tal-Misilmin ikunu mżejjna u mixgħula mill-aħjar li jista' jkun, u fost kull ħadd issaltan il-ħena u s-sliema. Jingħad li darba wieħed Emir, meta wasal f'belt kbira bil-lejl u ra dawk l-idwal kollha jilmgħu, u l-faċċati tal-Moskijiet mixgħula, u l-mejdaniet imdawwla, u għaraf li dik id-drawwa tax-xgħil u t-tidwil kienet maħruġa l-ewwel darba mill-Ħalif Għomar, talab din it-talba: "Ja Alla, dawwal lil Għomar fil-qabar tiegħu, bħal ma hu dawwal fuq wiċċ l-art il-knejjes tagħna!"

Billi d-Din Mislem huwa d-Din tal-pajjiż, is-Slaten u l-Ħakkiema u r-Rjus il-kbar, jieħdu ħsieb li jħarsu bir-reqqa s-sawm ta' Ramadan, kif jinsab mamur fil-Qoran, biex jagħtu turija tat-twemmin tagħhom lil dawk li huma taħthom. F'Damasku, il-belt il-kbira tas-Surija, fi żmien l-Ummawija, 661-750 A.D., l-Emir Mugħawi bil-kbarat ta' ma'dwaru, kien jgħaddi l-ljieli kollha ta' xahar Ramadan mal-Imgħallmin tad-Din Mislem, jitħaddet magħhom u jsaqsihom fuq ir-rqaqat tal-Qoran. Ħarun ir-Raxîd, l-Emir tal-Għabbasîn, 766-809 A.D., kien jgħaddi l-ljieli kollha ta' xahar Ramadan fil-Moskija, isel-li u jitlob u jiżżi ħajr 'l Alla. Fis-sekli X u XII il-Fatimijin tal-Eġittu bdew id-drawwiet li għadhom jitħarsu fix-xahar ta' Ramadan, bħal ma huma: li l-għonja jistiednu għandhom għall-ikel ix-Xjuħ u l-Ħuttabin ta' Dinhom, u l-proċessjoni l-kbira u devota li toħroġ mill-belt u titla' fuq għolja biex iżżanżan il-qamar ġdid.

Din il-proċessjoni tibqa' sejra sa fuq il-quċċata ta' muntanja b'festa kbira. Kien jimxi quddiem kullħadd il-Ħalif, l-Ewlieni imsieħeb m i n n għadd kbir ta' lsiera li jkollhom f'idejhom inċens u ilma tal-fwieħa; warajhom jimxu għaxart elef żemmiel, bid-daqq u l-għana; wara dawn tlett mitt ġemel mgħottijin bi gvieret tal-ħarir imżejnin bid-djamanti u l-ġawhar; imbagħad aktar minn għoxrin elf suldat, mexjin erbgħa-erbgħa, bħal meta jkunu jagħmlu d-drill; u wara kull ħadd il-Kbarat u l-Ħakkiema u l-Għorrief li jkunu ġew għal dik il-purċissjoni sabiħa minn kull pajjiż tal-Għarab. Din il-ġilwa kienet timxi fid-dawl ta' torċi kbar weqfin fuq karrijiet imżejna, li kienu jferrħu u jkabbru wisq il-għors. Meta jaslu fuq ras il-muntanja kull ħadd jiskot, u taqa' ħemda kbira fuq dak il-baħar ta' rjus ta' bnedmin, sa kemm il-qamar, ġdid, kbir u aħmar kien jgħajjeb l-aħħar xifer tiegħu. Il-gilwa, wara dan, kienet tarġa lura lejn il-belt, biex in-nies titlob it-talbiet tagħha u t-tiżżijiet ta' ħajr u tgħaddi l-bqija tal-lejl fil-qari u t-tifsir tal-Qoran.

Fi żmien l-Emir Saleħ id-Din, Ħakem ta' Damasku, ir-Ramadan tilef xi ftit mill-ħeġġa tiegħu ħtija tal-gwerer twal li dak il-Ħarrieb kbir għamel mal-Insara, li ntemmu bir-rebħa tiegħu fit-taqbida l-kbira ta' Qrun Ħattin (1187) li qerdet għal kollox u għal dejjem is-Saltna tal-Kroċjati mill-Palestina.

Il-lum, ix-xahar ta' Ramadan huwa x-xahar tal-ikel tajjeb u tal-mistednin; xahar li fih jittiekel mill-aħjar ikel Għarbi, u wisq xorta ta' ħelu ta' għamla kollha kemm hi X e r q i j a. Dana l-ikel isemmuh *Ftar*, jiġifieri *Breakfast*, jew *Ksur is-Sawma*. Fl-aħħar ta' Ramadan issir festa kbira li ddum sejra erbat ijiem, li jgħidulha "Għid il-Fatar", u tkun ta' ferħ

u xalar mill-aqwa. F'dawn il-jiem ittifqiegħ tal-kanuni bi nhar u bil-lejl ma jaqta' xej; kull ħadd jilbes l-aħjar ħwejjeġ li jkollu; it-tfal iżiegħlu b'missierhom u ommhom u qrabathom, billi jersqu lejhom u jbusulhom idejhom bil-qima, biex jaqalgħu minn għandhom għotjiet, ta' logħob, ħwejjeġ, jew ta' flus, ħalli jkollhom x'jonfqu u jitħennew f'dawk il-jiem ta' festa. Il-kbar jitgħannqu u juru l-ħbeberija u l-qima għal xulxin, u l-miġġeldin jitħabb'bu, u kull ħadd ifittex li jgħix dawk il-jiem mill-aħjar li jista' jkun fil-hena u x-xalar. L-aqwa ġrajja tal-Għid, imma, tkun il-purċissjoni tal-kbarat tal-belt, li jmorru bikri lejn il-Moskija max-Xjuħ biex isellu l-koll f'daqqa u jiżżu ħajr 'l Alla talli tagħhom il-grazzja li jtemmu dak ix-xahar ta' sawm għal ġiħ tiegħu. U wara dan jisimgħu taħdita twila u sabiħa minn għand xi Ħatib mill-aqwa. It-toroq minn fejn ikollha tgħaddi dil-purċissjoni jkunu mifruxa bit-tapiti u d-djar imżejna bil-bandieri mdendlin. In-nisa joqogħdu fuq il-bjut jew fittwieqi jgħajjtu *lulululululu*, *u* jixħtu fuq il-kbarat li jkunu għaddejjin fjuri u ilma tal-fwieħa. Ir-rġiel u t-tfal ikunu weqfin maż-żewġ ħitan tat-triq, iċapċpu jdejhom u jgħajjtu kliem ta' tifħir lil dawk li jgħaddu. Wara t-talb fil-Moskija Ras il-Ħakma jarġa' lejn il-palazz imsieħeb mill-kbarat militari, ċivili, u reliġjużi, li meta jaslu jmorru wieħed-wieħed jagħtuh il-Għid it-Tajjeb. Dak inhar jingħataw flus u ikel lil-ltiema u lir-romol, u lin-nies tal-ħabs titnaqqsilhom is-sentenza. Fl-imsierah isiru tiġrijiet taż-żwiemel u wirjiet ta' ħila, u daqq u żfin, u jitqassam lil kull ħadd xorb ħafif u ħelu.

Wara din il-festa ta' erbat ijiem, kull ħadd jarġa' lejn xogħlu ta' dari bit-tifkira ta' dawk il-jiem ta' ferħ u barka, u tiżżija ta' ħajr għal dan il-ġid kollu li bih għana lill-ulied Adam.

Patri BONAVENTURA QASSIS. O.F.M.

## ĠAĦAN U L-ĠARRA.

Bin Ġaħan, għodwa waħda, kien ġej minn fuq l-għajn b'ġarra mimlija bl-ilma fuq kitfu. Iltaqa' miegħu missieru, u ġiegħlu jniżżel il-ġarra u jqegħdha fl-art, u beda jagħtih fuq saqajh b'qadib, u ma' kull daqqa jgħidlu: "Għax ksirtha l-ġarra? . . . Għax ksirtha l-ġarra? . . . Għax ksirtha l-ġarra? . . . " U t-tifel, miskin, jaqbeż u jwaħwaħ bl-uġiegħ.

Kien għaddej raġel, u waqaf u ħares ftit. U meta fehem x'kien jagħmel Ġaħan, resaq lejh u qallu: "Ġaħan, għaliex qiegħed issawwtu t-tifel? Il-ġarra ma kisirhiex; ħawn, araha, qawwija sħiħa!"

"Jien naf li ma kisirhiex!" wieġbu Ġaħan, imbissem. "Imma qiegħed insawwtu biex jekk xi darba jikser xi ġarra u jien ma nkunx naf, ikun minn qabel, tħallas tagħha . . . "

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Bejjen ħuqqek, u lew taraktu.* "Uri li taf il-jedd li għandek, imqar ma tieħdux". Hekk jaqbel tas-sew; biex in-nies ma jaħsbux li int bla fehma, u jinqdew ħażin bi tjubitek.